IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 48

5 ta` Frar 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku

**SKUŻAT B`APOLIGIJA:**

Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 48.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li s-Sur Lawrence Attard kien skuzat peress li kien msiefer mar-Regjun. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

### 48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 44(07), 45(07), 46(07) u 47(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

48.2.1 Is-Sindku spjega li waqt il-laqgha li kellu mall-Onorevoli Prim Ministru kien hemm ukoll prezenti l-Arcipriet ukoll. Is-Sur Boxall zied jghid li huwa waqt din il-laqgha semma` diversi progetti pendenti fil-lokalita tal-Birgu u ghamel enfazi fuq l-importanza li kull Kunsill ikollu impjegata fuq fondi tal-Unjoni Ewropeja. Is-Sindku propona li tintalab laqgha mall-Prim Ministru u dwar dan kien hemm qbil unanimu. *(Minuti 44(07) 44.2.1)*

48.2.2 Is-Sur Boxall qal li ghandna tintalab laqgha mas-Sur Mark Causon dwar il-progetti li ghandu fil-prezent il-Kunsill u dan sabiex il-Kunsill ikollu ideja cara ta` x`fadalu jiehu flus mill-progetti prezenti u dak li diga` gie fi tmiemu, dak tal-progett LADDER. *(Minuti 44(07) 44.2.2)*

48.2.3 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li ghall-laqgha mas-Supretendenza dwar il-Munument ta` La Vallette kien hemm prezenti biss il-perit Claude Busuttil. Is-Sindku qal li huwa kien talab sabiex ikun prezenti ghal din il-laqgha imma sfortuntament ma giex infurmat biex ikun prezenti. Is-Sur

Boxall zied jghid li s-Supretendenza baghqu joggezjonaw u li l-Kunsill mhux ser jibqa` jhallas aktar ghal dawn l-ispejjez relatati. *(Minuti 45 (07) 45.2.2)*

Fis-6:00pm is-Sur Trevor Mizzi inghaqad fil-laghqa.

48.2.4 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li l-paperwork relatat mall-Konferenza Heritage Planet Earth li ser ssir Firenze kwazi lest. Dan il-paper work sar mis-Sur JC Azzopardi, li ser ikun qieghed jirraprezenta lill-Kunsill flimkien mas-Sindku gewwa Firenze. *(Minuti 45(07) 45.2.17)*

48.2.5 Is-Sur Boxall apponta lill-Kunsillier Eman Zerafa sabiex jiehu hsieb l-attivita tal-Earth Day Clean Up 2018. *(Minuti 45(07) 45.2.18)*

48.2.6 Is-Sur John Boxall spjega li ghall-post vakant ta` skrivan/a full time (skala 15) kien hemm zewg applikazzjonijiet, fejn wahda minnhom kienet invalida. L-unika applikazzjoni valida kienet dik tas-Sur Jonathan Elsworth, mpjegat mall-istess Kunsill fuq bazi part time. Dwar dan kien hemm qbil unanimu li s-Sur Elsworth jimla` l-post ta` skrivan full time mall-istess Kunsill.

48.2.7 Is-Sur Boxall talab sabiex tintbghat ittra lill-kumpanija AIRX dwar il-parkegg li qed issir fi Triq San Lawrenz ghal fatt li qed tohloq inkonvenjent lir-residenti *(Minuti 45(07) 45.4.1)*

**48.4 Il-Proġett tal-Sally Porte (It-Toqba)**

Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li ftit tal-jiem ilu gew rapprezentanti mill-Ministeru ta` Transport dwar it-triq ta` Sally Porte, fejn l-istess Kunsill gie nfurmat li din it-triq ser tinghalaq minhabba l-istat taghha.

**48.5 Performance Appraisal tal-impjegati tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat l-performance bonus tal-impjegati tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unaninament l-performance bonus tal-impjegati.
Is-Sindku qal li dak ta` Segretarju Ezekuttiv ghad irid issir u b`hekk ser jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

**48.6 Rapport Amministrattiv 2017**

Gie prezentat ir-Rapport Amministrattiv 2017 u Pjan ta` Hidma ghas-sena 2018 ippreparat mis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Wara li dan gie moqri u tiehu xi punti sabiex jigu rrangati, gie approvat unanimament.

**48.7 Korrispondenza**

48.7.1 Il-Kunsill ircieva talba minghand is-Sur Jonathan Cini sabiex jarma bil-vari tal-Gimgha l-Kbira fil-binja tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament din it-talba.

48.7.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu bl-ghajnuna ta` Agenzija Taljana applika ghall-progett taht l-Europe for Citizens u gie approvat. L-isem tal-progett huwa *YIEPS – Youths in Europe Promote Solidarity*

48.7.3 Ittra mibughta lill-Perita Mireille Fsadni dwar is-sistema tal-hsarat fid-dawl li fiz-zona tal-Collachio u fil-Foss tal-Birgu.

48.7.4 Ittra mibughta lis-Sur Silvio Scerri dwar il-problema taz-zebra crossing li hemm fi Triq 31 ta` Marzu, u dan sabiex issir laqgha ma` rapprezentanti minn Transport Malta biex tinstab soluzzjoni biex din iz-zebra crossing tigi mressqa minn fejn qeghda fil-prezent.

48.7.5 Mibughta ittra lis-Sur Mario Fava, President tal-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-progett pilota tal-knis li kellu jsir fil-lokalita tal-Birgu li kellhu jibda mill-1 ta` Marzu 2018.

48.7.6 Prezentata korrispondenza li ntbaghtet lill-Location Manager tal-film li ser jinhadem gewwa l-Birgu dwar donazzjoni li ser tinghata lill-Kunsill.

48.7.7 Mibughta korrispondenza lid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar il-gemellagg mall-Belt ta` Vignanello fejn il-Kunsill tal-Birgu qed jitlob sabiex ikun jaf x`informazzjoni jonqos sabiex jigi konkluz dan il-gemmellagg. Is-Sindku sugerriexa li ssir laqgha mas-Sur Frendo.

48.7.8 Applikazzjoi mall-PA tas-sur Mario Cassar tal-Hanut il-Birgu fi Triq San Lawrenz sabiex issir bdil ghall-Class C, ghal tqeghid ta` mwejjed u siggijiet u alterazzjoni ohra minuri.

48.7.9 Is-Sindku fakkar lil dawk prezenti dwar laqgha li ser ssir mall-MTF dwar l-attivita tal-Birgufest 2017/8 sabiex min jista jattendi jkun ahjar.

48.7.10 Giet moqrija talba li ntbghtet mis-Sur Marco Agius sabiex jarma wirja tal-vari tal-Gimgha l-Kbira fil-kantina tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament din it-talba.

48.7.11 Mibughta ittra mill-Ghaqda Zghazagh Palmizi dwar attivita li ser jaghmlu f`Hamis ix-Xirka u fil-Gimgha l-Kbira f`Couvre Porte. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jinghatlhom il-permess biex issir din l-attivita.

48.7.12 Talba dwar progett mill-Assoccjazzjoni ALDA dwar Town Twinning mat-Turkija u EU Grant Scheme. Il-Kunsill wera interess f`dan il-progett.

48.7.13 Moqrija ittra ta` ringrazzjament li ntbaghtet mill-Kumitat tal-Klabb tal-Bocci tal-Birgu tal-ghajnuna li sab mill-Kunsill biex inxtraw il-flood lights ghall-istess Klabb.

48.7.14 Mibughta siteplan ta` fejn ser jigu nstallati dog litter bins fil-lokalita tal-Birgu lill-perit sabiex il-Kunsill ikun jista` japplika ghall-fondi tal-UIF.

48.7.15 Mibughta korrispondenza lis-Sinjura Mireille Fsadni dwar il-hsarat li hemm fis-sistema tal-irrigation tal-ilma fil-Foss tal-Birgu.

48.7.16 Mibughta ittra lid-Direttur Generali, is-Sur Raymond Farrugia dwar it-tunnel li ser ssir mill-Foss ghax-Xatt fejn il-Kunsill issuferriexa xi proposti dwar il-hinijiet tal-ftuh u l-gheluq ta` dan it-tunnel.

48.7.17 Mibughta korrispondenza mill-EFFE Association dwar EFA`s Arts Festivals Summit 2018 li ser ssir gewwa Slovenia fit-12 ta` April 2018.

48.7.18 Mibughta ittra mis-Sur Martin Degiorgio dwar re-enactment li ser issir gewwa St.Anglu u talab sabiex issir parata madwar certu toroq tal-Birgu. Il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni dwar dan.

48.7.19 Invit ghall-progett tal-Erasmus+ bl-isem Starting-up, fejn il-Kunsill wera interess biex jkun partner f`dan il-progett. Dan l-invit sar minn Studio Progetto.

48.7.20 Invit ghall-progett taht l-Europe for Citizens programme mall-belt ta` Borgia fl-Italja fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu kien diga hadem fuq progetti ohra fil-passat. Il-Kunsill wera l-interess tieghu.

48.7.21 Il-Kunsill ircieva talba minn studenti universitarji sabiex jaghmlu filming fil-Birgu. Il-Kunsill approva din it-talba u talab sabiex wara jinghatalu kopja ta` dan l-istess filmat.

48.7.22 Mibughta ittra mis-Socjeta Storiko Kulturali Vittoriosa dwar l-istatwa ta` San Filippu fejn urew l-apprezzament li din l-istatwa ser tigi restawrata u sabiex jitwahlilha fanal. Is-Sindku zied jghid li mhux ser ikun hemm hlass ghall-ghall-scaffolding li se jintrama peress li dan ix-xoghol ser ssir mill-Kumitat ta` Riabilizazzjoni tal-Kottonera.

48.7.23 Gew prezentati zewg applikazzjonijiet li l-Kunsill ircieva ghall-posta vakant ta` skrivan/a full time (skala 15) fejn is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li applikazzjoni wahda biss kienet valida, dik tas-Sur Jonathan Elsworth impjegat mall-istess Kunsill bhala skrivan part time (skala 15). Il-Kunsill b`vot unanimu approva li s-Sur Elsworth ghandu jimla` dan il-post vakant.

48.7.24 Mibughta l-invoice tal-membership annwali tal-ALDA li tammonta ghal €300. Il-Kunsill approva unanimament li din tithallas.

48.7.25 Mibughta ittra lill-Prim Ministru dwar talba sabiex il-belt tal-Birgu tigi onorata bit-titlu tal-Belt Kapitali tal-Ewropa meta Malta jerga` jkun imissa tapplika ghal dan it-titlu.

48.7.26 Mibughta korrispondenza mis-Sur Joseph Cachia, fejn talab sabiex issir laqgha mall-Kunsill biex tigi diskussa l-possibilita li jsir kumitat minn dawk ir-residenti barranin li joghqodu l-Birgu bl-isem ta` *"Friends of Birgu"* taht ir-

responsabilita tal-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sur Trevor Mizzi, Vici Sindku propna li ssir laqgha mas-Sur Cachia biex jigu ccarati diversi punti li l-Kunsill ghandu dubju dwarhom. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

48.7.27 Mibughta korrispondenza dwar il-laqgha tas-Sindki u l-Vici Sindki li ser ssir nhar l-24 ta` Marzu 2018.

48.7.28 Mibughta stedina lill-Arcisqof ta` Malta sabiex jkun prezenti u jbierek il-bust ta` Dun Guzepp waqt l-inawgurazzjoni. Il-Kunsill gie mgharraf li minhabba impenji ohra mhux ser ikun jista` jattendi.

48.7.29 Mibughta korrispondenza dwar laqgha ta` tahrig fuq sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol mhejji mill-LCA.

48.7.30 Prezentata kopja tal-bye law tal-karrijiet u ogetti ohra ta` ngombru li kienet saret fil-lokalita tal-Isla.

48.7.31 Mibughta korrispondenza lid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar talba li l-istess Kunsill kien ghamel sabiex tinghata lill-istess Kunsill, persuna nkarigata biex tiehu hsieb progetti tal-EU mall-Kunsill Lokali tal-Birgu.

**48.8 Komunikazzjoni mis-Sindku**

48.8.1 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li llum inkitbet ittra lill-Prim Ministru dwar il-progett tal-klabb tar-Regatta u ta` Triq ta` Salle Porte. Barra minnhekk is-Sindku zied jghid li l-klabb tar-Regatta ser jaghmel konferenza stampa dwar din is-sitwazzjoni.

48.8.3 Is-Sindku qal li l-Hamis li gej ser ssir laqgha ma` rapprezentanti tal-klabb tal-Vittoriosa Stars, flimkien mall-kuntrattur u l-periti sabiex jaghtu spjegazzjoni tal-progett li ser ssir fil-ground tal-Fortini. Is-Sur Boxall zied jghid li huwa ferm importanti li jattend kulhadd.

**48.9 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm.

**48.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3964 sa` BOV 4023 u cekkijiet bin-numri HSBC 9669 sa HSBC 9676 u bank tranfser li sar mill-kont tal-BOV. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 5 ta`Jannar 2018 sal-5 ta` Frar 2018.

**48.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja neqsin kwart ta` filghaxija (7.45pm). Il-Laqgha giet aggornata ghat-Tnejn 12 ta` Frar, 2018 fil-hamsa ta` filghaxija (5.00pm)

Konfermati illum 12 ta` Marzu 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |